

Brussell, 26 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16238/24

LIMITE

JAI 1755
MIGR 435
RELEX 1510

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Nindirizzaw il-migrazzjoni – Inqisu modi ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni rregolari

It-thegħiġ tal-Istati Membri biex jiskambjaw fehmiet dwar soluzzjonijiet "ġodda u innovattivi" fil-qasam tal-migrazzjoni huwa prijorità ewlenija matul il-Presidenza Ungeriża. Għalhekk, bil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fit-22 ta' Lulju 2024, il-Presidenza tat bidu għal sensiela ta' diskussjonijiet dwar approċċi innovattivi possibbli fil-qasam tal-migrazzjoni, b'enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) fid-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni u l-ħtieġa għal politika ta' ritorn aktar b'saħħitha. F'dan il-kuntest, fis-16 ta' Settembru, il-Coreper kellu diskussjoni komprensiva dwar kif is-sistema ta' ritorn tal-UE tista' ssir aktar effettiva, li wriet l-impenn tal-Istati Membri li jindirizzaw l-aspetti rilevanti kollha malajr. Matul dan l-iskambju, għadd ta' Stati Membri semmew "*ċentri ta' ritorn*" bħala waħda mis-soluzzjonijiet "ġodda" potenzjali li għandhom jiġu esplorati aktar.

Fil-Kunsill Ġustizzja u Affarjiet Interni tal-10 ta' Ottubru 2024, il-Ministri qablu li r-rieżami tal-qafas legali attwali għar-ritorni għandu jippermetti soluzzjonijiet innovattivi possibbli bħaċ-*"ċentri ta' ritorn"*. Enfasizzaw li l-fattibbiltà ta' dawn is-soluzzjonijiet għandha tiġi eżaminata bir-reqqa mill-esperti, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, u b'impenn qawwi li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Bl-għan li jiġu esplorati l-aspetti operazzjonali, il-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil – SCIFA kellu diskussjoni strateġika dwar il-kunċett ta' *"ċentri ta' ritorn"* fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Novembru 2024. L-għan tad-diskussjoni kien li jiġu esplorati prekondizzjonijiet u salvagwardji ewlenin relatati mal-kunċett. Id-diskussjonijiet ser ikomplu fil-livell tal-esperti biex jiġu analizzati l-aspetti tekniċi u legali tal-kunċett bl-għan li tiġi orjentata l-ħidma ulterjuri fuq din il-kwistjoni.

Fl-aħħar nett, diskussjoni inizjali marbuta mar-reviżjoni li jmiss tal-*kunċett ta' pajjiż terz sikur* ser issir fil-Coreper fil-11 ta' Diċembru.

B'mod parallel ma' dawn id-diskussjonijiet dwar soluzzjonijiet innovattivi, fit-30 ta' Ottubru l-Coreper iddiskuta r-ritorn volontarju tar-refuġjati Sirjani abbażi ta' dokument informali ppreżentat mill-Kummissjoni, li kien segwit minn kolazzjon informali mal-UNHCR u l-IOM fil-bidu ta' Diċembru.

Peress li l-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa għadha sfida serja, aggravata minn diversi kawżi ewlenin, qed naraw bidla kbira fil-politika fl-Ewropa, li tipprovdi impetu ġdid għall-ħidma tagħna. Jista' jiġi osservat sinjal ċar għal din il-bidla fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2024, li enfasizzaw li *"... għandhom jiġu kkunsidrati modi ġodda għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-migrazzjoni irregolari..."*¹.

Il-Presidenza tixtieq tissottolinja li t-trasformazzjoni ta' ċerti soluzzjonijiet "ġodda" fil-prattika teħtieġ firxa wiesgħa ta' inizjattivi fid-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien mhux intenzjonat ta' rotot migratorji ġodda jew piż addizzjonali fuq l-Istati Membri tal-UE. L-iżvilupp ta' kooperazzjoni ġdida u approfondita eżistenti mal-pajjiżi terzi sħab ta' orijini u ta' tranżitu tagħna huwa strumentali f'dan l-isforz. Huwa parti integrali mill-proċess ta' implimentazzjoni sostenibbli u element essenzjali biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' tluq illegali u biex tkompli tittejjeb is-sitwazzjoni tal-migranti, ta' persuni li jfittxu ażil u tar-refuġjati kemm jista' jkun qrib il-pajjiż ta' orijini tagħhom.

¹ Id-dokument 25/24 – Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 ta' Ottubru 2024) – konklużjonijiet

Il-Presidenza temmen bis-sħiħ li kwalunkwe soluzzjoni "innovattiva" vijabbli għandha tkun ibbażata fuq objettivi kondiviżi, sforzi kollaborattivi u fiduċja reċiproka, f'konformità mal-approċċ ta' Tim Ewropa, u l-iżgurar tal-appoġġ ta' istituzzjonijiet multilaterali u reġjonali wkoll. L-opzjonijiet għal kwalunkwe soluzzjoni għandhom ukoll l-ewwel jiġu analizzati mill-perspettiva tal-fattibbiltà Prattika sabiex tingħata l-opportunità li jintlaħaq qbil dwarha ma' pajjiż terz sieħeb partikolari. Dawn il-prinċipji għandhom iservu bħala l-qafas ta' gwida għall-ħidma tagħna li għaddejja, li tista' tinkludi l-iżvilupp ta' "sett ta' għodod" komprensiv li jiddeskrivi l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħna biex inwettqu r-responsabbiltà kollettiva tagħna flimkien ma' pajjiżi terzi sħab. Il-miżuri li għandhom l-għan li jiffaċilitaw u jippermettu l-kooperazzjoni tas-sħab tagħna li lesti jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi "għodda" għandhom ikunu bbażati fuq l-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inkluż id-diplomazija, l-iżvilupp, il-kummerċ, u l-viżi iżda wkoll għodod bilaterali ta' Stati Membri partikolari fl-ispirtu ta' Tim Ewropa. Għandhom jintużaw ukoll miżuri bħal appoġġ imsaħħaħ għar-riintegrazzjoni, ritorni volontarji assistiti ta' migranti irregolari li jirrisjedu fil-pajjiż sieħeb lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, risistemazzjoni volontarja, tisħiħ tal-kapaċitajiet u assistenza teknika dedikati, perkorsi legali f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali u kooperazzjoni operazzjonali (bl-involvement tal-aġenziji rilevanti tal-UE wkoll). Barra minn hekk, l-inkoraġġiment ta' ritorni volontarji, kif ukoll l-intensifikazzjoni tal-kollaborazzjoni tagħna mal-UNHCR u mal-IOM, u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, għandhom ikunu parti minn dan is-"sett ta' għodod".

Mistoqsijiet għall-Ministri:

- 1) *Taqblu li b'mod parallel mal-ħidma teknika dwar soluzzjonijiet innovattivi, jeħtieġ li niddefinixxu sett ta' politiki, strumenti u għodod tal-UE ("sett ta' għodod") bl-għan li jiġi żgurat l-użu koordinat tagħhom, u b'hekk inżidu l-lieva konġunta tagħna u ntaffu l-piż fuq pajjiżi terzi sħab li lesti jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' "soluzzjonijiet innovattivi" marbuta mal-migrazzjoni?*
- 2) *X'miżuri fil-fehma tagħkom għandhom ikunu parti minn dan is-"sett ta' għodod" komprensiv?*